MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 640/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance plc u dana kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Jason Micallef abbazi tal-polza ta` assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Jason Micallef**

**Vs**

**David Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta` Marzu, 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta’ mija u erbgha u sittin lira, tlieta u tmenin centezmu (Lm164.83) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi f’incident stradali li sehh fit-23 ta` Lulju, 2002 gewwa Ta Xbiex bejn il-vettura numru CBG 514 proprjeta` tal-attur u dik misjuqa mill-konvenut numru FBN

149 ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma` dan l-avviz lis-socjeta` assikuratrici tal-konvenut u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-odjern avviz kontra l-istess konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 17 ta` Settembru, 2003 fejn ikkontesta d-danni allegatament sofferti mill-attur u dana kemm fis-sens li ma kkagunalu ebda danni u kif ukoll li se mai huma ezagerati.

Bl-ispejjes kontra l-atturi.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema` it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi kemm mir-risposta prezentata mill-konvenut u kif ukoll mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kien certament responsabbli ta` l-impatt li sehh bejn il-vettura tieghu u dik ta` l-attur u dana in vista tal-fatt li dahal go fih meta kien ipparkeggjat u li l-kontestazzjoni tinsab fl-entita` tad-danni kkagunati li skond il-konvenut ma kien hemm ebda hsara kawzata bl-istess impatt.

Illi jinsab ippruvat ukoll tramite mart l-attur li l-vettura taghhom kienet involuta f’incident iehor sena qabel pero` jinsistu li l-hsarat mertu ta` dina l-kawza m`ghandhom x’jaqsmu xejn mal-hsarat kawzati fl-incident precedenti. Fil-fatt il-hsarat l-antiki gew indikati li huma dawk fuq ir-ritratti A, B u C fuq Dok TM u l-hsarat mertu ta` dina l-kawza jidhru ndikati fuq l-istess Dok TM fuq ir-ritratt mhux immarkat. Jidher evidenti mill-istess ritratti fuq Dok TM li l-hsara meritu ta` dina l-kawza li tidher fuq ir-ritratt mhux immarkat ma tidhirx fuq ir-ritratti l-ohra mmarkati A, B u C. Jigi notat ukoll pero` li fuq ir-rapport tal-pulizija il-hsara fuq il-vettura tal-attur giet indikata bhala “a small dent on the

rear bumper and some cracked spray on the same bumper". Il-konvenut indika bl-ittra X fuq ir-ritratt ittra A Dok TM il-punt ta` l-impatt in kwistjoni u bl-ittra Y fuq l-istess ritratt id-daqqa li kien hemm qabel.

Peter Martin Gills xehed li huwa kien thallas ghal xoghol ta` spray li ghamel fuq in-naha ta` wara tal-vettura tal-attur pero` mhux ghal hsara li kien hemm fuq il-mudguard. L-ircevuta relatata ma` l-ispiza tal-kiri ta` vettura giet ikkonfermata bil-gurament minn Victor Agius kif riflessa fis-survey report u kif ukoll l-ircevuta dwar il-panel beating minn George Zerafa. Is-surveyor Alfred Farrugia xehed illi peress li l-bumper kien gia` minsus minn daqqa ohra huwa awtorizza biss hamsin fil-mija tal-hsara fuq l-istess. Fil-fatt huwa kkoncentra dwar il-hsara fuq ix-xellug tal-vettura peress li l-hsara fuq in-naha tal-lemin kienet ikkawzata minn incident iehor.

Illi ghalhekk ghandu jirrizulta li l-valur tal-hsarat mitluba jikkombacju bejn wiehed u iehor mar-rapport tas-surveyor u li l-istess ma jirriferux ghal hsarat gia` ezistenti.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut kwindi jilqa` it-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-atturi s-somma kif mitluba ta` mija u erbgha u sittin lira, u tlieta u tmenin centezmu (Lm164.83) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta` dan l-avviz u bl-ispejjes kollha ta` din l-istanza a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------